Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 15,240, 20 ta' Frar, 1990

Taqsima B

A.L. 23 ta' l-1990

ATT DWAR IT-TAXXA TAL-MEWT U TAD-DONAZZJONI (KAP. 239)

Ordni ta' l-1990 dwar Eżenzjoni mit-Taxxa tal-Mewt u tad-Donazzjoni dwar il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku (Proċedura ta' Dixxiplina)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu bis-subartikolu (2) ta' l-artikolu 9 ta' l-Att dwar it-Taxxa tal-Mewt u tad-Donazzjoni, il-Ministru tal-Finanzi ordna li ebda imgħax, li mod ieħor kien jiġi impost bis-saħħa tad-dispożizzjonijiet ta' l-Att imsemmi, ma għandu jingħabar fuq it-taxxa li titħallas dwar kull rifużjoni ta' salarju u ħlasijiet oħra li jsiru wara l-mewt ta' persuni b'konsegwenza tal-proċedimenti li jsiru bis-saħħa tar-regolament 23A tar-Regolamenti ta' l-1977 tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku (Proċedura ta' Dixxiplina); u li din l-eżenzjoni għandu jkollha effett retroattiv kif meħtieġ.